MINUTI

# Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 17

Il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

17.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 17.2 Ġbir ta' skart riċiklabbli;

17.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li hekk kif ikkomunikat fil-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, skema partikolari tal-ġbir ta' skart riċiklabbli, ser tkun qed twaqqaf is-servizzi tagħha mill-1 t'Awwissu 2020. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali Il-Munxar għadu ma rċieva l-ebda notifika uffiċċjali li dan is-servizz ser jieqaf mill-iskema GreenMT li hija l-iskema li qed tofri s-servizzi tagħha fil-lokalita'.

17.2.2 Fil-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-President tal-assoċjazzjoni qed iħeġġeġ lill-membri sabiex il-Kunsill jiddeċiedi f'laqgħa b'urġenza jekk hux interessat jew mod ieħor li jibda jiġi esplorat mekkaniżmu dwar kif l-ġbir tal-iskart riċiklabbli jibda jsir mir-reġjun rispettiv. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri, kien hemm qbil sabiex Il-Kunsill Lokali Il-Munxar juri l-interess u jiffirma l-ftehim ta' aċċettazzjoni sabiex il-Kunsill Reġjonali flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Gvern Lokali, jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir tal-iskart riċiklabbli u tal-ħġieġ jibda jsir mir-reġjun.

### 17.3 Uffiċċjal tas-Saħħa u s-Sigurta' għall-proġett tar-restawr tat-torri tax-Xlendi;

17.3.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-permess mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar il-proġett tar-restawr tat-torri tax-Xlendi inħareġ iżda elenkaw xi kundizzjonijiet li jridu jiġu rrispettati. Huwa qal li beda x-xogħol fuq il-livellar tal-passaġġ skont il-permessi kollha maħruġa mill-istess awtorita' biex il-kuntrattur ikollu l-aċċess għal dan is-sit kif ukoll

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

beda jinġarr l-i*scaffolding* fuq il-post.

17.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill ta struzzjonijiet lill-Kunsill sabiex skont l-avviż legali 88/2018 jinħatar uffiċċjal tas-saħħa u s-sigurta' fuq dan il-proġett li jkun irregistrat mal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta' (OHSA).

17.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra stima li nġabret għal dan is-servizz għall-approvazzjoni tal-membri. L-istima tas-Sur John Azzopardi tammonta għal €250 eskluż il-VAT għad-dokumenti inizjali u €150 eskluż il-VAT kull xahar għal spezzjonijiet regolari tas-sit. Din ġiet approvata mill-membri preżenti.

17.4 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR